MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 346/2000/1

**Frederick Micallef u martu Catherine Micallef, Joseph Tonna u martu Carmen Tonna f'isimhom proprji u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Solida Woodworks**

**vs**

**May Sullivan**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*Il-Qorti,*

*Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi proprio et nomine sejhu lill-*

*konvenuta sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:*

*1. Thallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' seba' mija u tmienja u sittin liri Maltin (LM768) rappresentanti bilanc ta' ghamara lilha mibjugha u kkonsenjata;*

*2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:*

*1. Illi l-ammont mitlub mill-atturi fl-avviz mhux dovut minnha u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;*

*2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16;*

*3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ghamara mibjugha lill-konvenuta ma kienetx tal-kwalita' u skond l-ispecifikazjonijiet mifthema bejn il-partijiet, u fi kwalunkwe kaz ma kienitx mahduma skond l-arti u s-sengha;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi din il-qorti ser tiddisponi preliminarjament mill-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta senjatament dik tal-preskrizzjoni minnha ndikata fin-nota msemmija;*

*Illi jirrizulta li fid-deposizzjoni guramentata taghha l-konvenuta ssostni s-segwenti:*

*1. Illi hi ordnat ix-xoghol meritu ta' din il-kawza;*

*2. Illi intlahaq ftehim fuq il-prezz ta' l-istess xoghol;*

*3. Illi halset biss in-parte u l-kumplament kellha thallsu wara l-konsenja;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta accettat implicitament il-fatt li ghandha ammont xi thallas lill-atturi minhabba x-xoghol minnha ordnat;*

*Ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi fil-mertu ghandu pero' jinghad is-segwenti:*

*1. Illi meta l-konvenuta ordnat il-kamra tas-sodda in dizamina hi wriet lill-mastrudaxxa involut ezatt ta' liema kwalita' ridietha billi qaltlu li kienet qed tordnha tal-istess kwalita' li l-kcina taghha hi maghmula minnha;*

*2. Illi jidher li r-rizultat finali ma kienx tal-kwalita' pattwita' stante li l-kamra tas-sodda ma tirrizultax li hi tal-istess tip ta' injam tal-kcina;*

*Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta mis-suespost u filwaqt li fil-mertu tilqa' l-eccezzjoni sollevata tichad it-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.*"

Ikkonsidrat;

Mis-sentenza appellaw l-atturi fuq il-motivazzjoni illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta illi l-ghamara ma kienetx tal-kwalita' pattwita.

Huma jobbjettaw illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ma kellhiex takkolji din l-eccezzjoni gjaladarba l-konvenuta zammet l-ghamara ghandha ghal bosta snin wara li saritilha l-konsenja taghha u din naqset milli tiehu l-passi opportuni fiz-zmien konsentit lilha skond l-Art. 1431 (1) tal-Kodici Civili biex thares il-jeddijiet taghha.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra l-appellata kienet korretta fejn irrilevat illi l-Art 1431 (1) invokat mill-appellanti ma jiccentrax fil-kwistjoni billi dan jikkontempla l-azzjoni in konsegwenza ghar-riskontru ta' vizzju redibitorju fil-haga.

Sewwa ukoll irriteniet l-appellata, ghal dik li hi precizazzjoni guridika, illi d–dritt taghha naxxenti mill-fatt li l-oggett ma jkunx tal-kwalita' pattwita seta' jigi invokat minnha anke permezz ta' eccezzjoni fil-kawza proposta kontra taghha. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**William Portelli noe –vs- Paul M. Laferla**", Appell Kummercjali, 8 ta' Mejju, 1939, citata wkoll mill-appellata.

Il-Qorti f'dan l-istadju thossha fid-dmir li tissolleva din l-osservazzjoni. Il-fatti tal-kawza – kummissjoni tax-xoghol mill-konvenuta lill-attur ghal xoghol fuq l-injam, il-produzzjoni u manifattura ta' dan ix-xoghol, il-montatura tieghu fil-fond tal-konvenuta, l-applikazzjoni tax-xoghol sekondarju bhall-ghoti tal-vernic – jaghmlu certament mill-kontrattazzjoni intervenuta negozju guridiku ta' appalt. Eppure jidher donnu li l-partijiet ikkonsidrawh bhala wiehed inerenti ghar-regoli tal-kompro-vendita`.

In subjecta materja gia rikonoxxut fid-dottrina illi jezistu teoriji differenti. Jidher minn ezami ta' xi decizjonijiet illi l-Qrati taghna fi zmenijiet differenti applikaw dawn it-teoriji b'dan il-mod:

(i) Fid-decizjoni "**Romeo Dougall –vs- Michela Camilleri**", Qorti Kummerc, 22 ta' Marzu, 1950 (Vol XXXIV pIII p789), hekk bazata fuq it-taghlim ta' diversi

trattisti, fosthom il-Baudry u Troplong, gie ritenut illi meta l-appaltatur oltre x-xoghol ifornixxi l-materjal dak l-appalt huwa affini ghall-bejgh.

(ii) Is-sentenza fl-ismijiet "**Negte George E. Camilleri –vs- Joseph Mamo noe**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951 (Vol XXV pIII p639) dehrilha li l-aktar teorija konvincenti kellha tkun dik tar-Ricci (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol VIII pag 402) fejn allura wiehed kellu jhares lejn l-intenzjoni tal-partijiet. Jekk dawn ikunu harsu lejn l-obbligazzjoni bhala wahda principalment "di fare", allura l-kuntratt kellu jitqies wiehed ta' "locatio-operis". Jekk invece huma harsu lejn l-obbligazzjoni bhala wahda principalment "di dare" allura l-kuntratt jiehu s-sembjanzi ta' wiehed ta' bejgh.

(iii) Sa zmenijiet pjuttost recenti jidher li din it-teorija rceviet favur ukoll mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, fil-kaz fl-ismijiet "**George Vassallo –vs- Lawrence Fenech et noe**", deciz fis-26 ta' April, 1988.

Jinghad bla tlaqliq li dina l-Qorti thossha preokkupata dwar il-kollokazzjoni tal-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-"vexata quaestio". Dan ma jfissirx illi jekk hekk jinnecessita din il-Qorti ser toqghod lura milli tfittex il-verosimili intenzjoni tal-partijiet meta dahlu ghal kontrattazzjoni. Lanqas ma hi ser tindetreggja quddiem sitwazzjoni li ggieghla tirriezamina l-awtorita' ta' din il-gurisprudenza jekk jinhass li din tkun estranea ghall-Qorti. Il-fatt hu li l-materja hawn trattata kapaci tigi rizoluta, ghal ragunijiet u motivi ohra, kemm jekk si tratta ta' bjegh ghal liema japplika d-dispost ta' l-Art 1390 tal-Kodici Civili, u kemm jekk si tratta ta' appalt.

Jirrizulta illi l-ghamara giet konsenjata lill-konvenuta fl-1996. Dan hu pacifiku bejn il-partijiet anke j
ekk, ghal precizazzjoni, il-konvenuta issemmi bhala sena ta' konsenja l-1997. Il-konvenuta zammet l-ghamara allavolja kienet konxja mill-fatt illi din ma nhadmitx skond il-ftehim pattwit. Meta imbaghad permezz tal-istanza odjerna prezentata fis-sena 2000 sarilha r-rikjam ghal hlas tal-ammont bilancjali hi fformalizzat l-ilment taghha li l-

ghamara ma kenitx ta’ kwalita’ u skond l-ispecifications u l-arti u s-sengha in via ta’ eccezzjoni.

Li kieku dawn il-fatti kellhom jigu nkwadrati fl-istitut tal-bejgh il-linja difensjonali tal-konvenuta, fuq il-bazi ta’ l-Art 1390, kienet tfalli kemm ghal motiv illi dak id-dispost kien jintitolaha tirripudja l-bejgh qabel il-konsenja jew ghallanqas konkomitanti maghha, kif ukoll ghal motiv illi t-terminu statutorju ghall-attivar tad-dritt taghha illi l-oggett ma kienx tal-kwalita’ imwieghda kien ex-abundantia skada.

Jekk si tratta minn inadempjenza tal-kuntratt fis-sens ta’ non-konformita’ mal-ispecifications jew ma’ l-arti u s-sengha hawn ukoll il-konvenuta kellha r-rimedju li tirrifjuta l-oggett materjalment jew jekk tkun ircevietu, billi tghaddi ghad-depozitu tieghu taht l-awtorita’ tal-Qorti. Hi kellha imbaghad in konsegwenza ghal dan tipprocedi bl-appozita azzjoni jew ghar-rexxissjoni tal-ftehim jew li ggieghel lill-appaltatur inadempjenti jesegwixxi l-obbligazzjoni meta dan ikun possibbli. Dan fuq il-bazi tal-patt kommissorju, sottostrat tal-kuntratti bilaterali kollha.

Mill-qari tas-sentenza jidher li l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzjonijiet taghha fuq il-fatt illi l-kamra tas-sodda ma kenitx tal-kwalita’ pattwita u in effetti kemm l-atturi fil-korp tar-rikors ta’ l-appell taghhom kif ukoll il-konvenuta arginaw l-aggravji u/jew is-sostenn tas-sentenza fuq il-binarju tal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti.

Kemm fil-kaz wiehed (nuqqas tal-kwalita’ imwieghda tal-oggett) kif ukoll fil-kaz l-iehor (non-adempjenza tal-pattijiet kontrattati) l-eccezzjoni tal-konvenuta hi destinata li tfalli gjaladarba bil-fatt taghha stess il-konvenuta tilfet kull dritt li seta’ kellha. Hi ghazlet li zzomm l-ghamara lilha konsenjata u naqset li tirreagixxi skond kif trid il-ligi meta kienet konsapevoli mill-fatt illi l-konsenja ma kenitx konformi ghad-dettalji pattwiti u/jew meta kienet taf li l-atturi ma ezegwewx l-appalt konformement mal-arti u s-sengha, li, f’kull kaz, bhala prova necessarja kien jehtieg l-opinjoni ta’ espert in materja. F’cirkostanzi konsimili hi giet li ppregudikat irrimedjabilment il-posizzjoni taghha. Fi

kliem iehor hi ma kellhiex tippretendi li zzomm l–ghamara, taghmel uzu minnha ghal snin, biex imbaghad rinfaccjata b'talba ghal hlas, tippretendi li ma ghandhiex thallas lill-atturi ghax dawn ma onorawx l-obbligi taghhom. Dan l-ilment taghha, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ma jistax ghalhekk jigi accettat jew sostenut u l-atturi ma ghandhomx, u ma kellhomx, jigu ikkastigati ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenuta ta' dawk il-mizuri li kellha tiehu biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.

Hu del resto principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt. B'ezemplari tista' tigi iccitata d-decizjoni ta' din il-Qorti per Imh. M. Caruana Curran tat-30 ta' Novembru 1971 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Calleja –vs- Carmelo Sciortino**". Fiha l-appaltant ippretenda li jzomm bilanc ta' flus dovuti lill-kuntrattur skond il-penali prevvista fil-kuntratt ghad-dewmien. Il-Qorti applikat il-principju suddett.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirrevoka s-sentenza appellata li biha cahdet it-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi l-ammont mitlub ta' seba mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm768) rapprezentanti bilanc ghall-ghamara ikkonsenjata lill-konvenuta. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

Dep/Reg
cb